MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Awwissu, 2007

Numru. 651/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARISA CAMILLERI**

**KONTRA**

**KEVIN MIFSUD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Mifsud ta’ 24 sena, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 630382M, bin Saviour u Salvina nee’ Pace, imwieled Tal-Pieta’ nhar id-19 ta’ Novembru, 1982, residenti fil-fond imsejjah Water Lily, Triq il-Gdida fi Triq l-Indipendenza, Zebbug (Malta);

1. Akkuzat talli fl-4 ta’ Awwissu, 2007 ghall-habta ta’ 6.10pm, gewwa Zebbug, Malta, hedded bil-

mewt taht ordni jew kundizzjoni lil Roderick Agius, detentur tal-karta tal-identita' 146871(M);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil xi haddc (lil Roderick Agius, detentur tal-karta tal-identita' 146871M), jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' haddiehor (cioe' ta' Roderick Agius, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 146871M);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil Roderick Agius detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 146871M b'arma tan-nar, cioe' senter;

5. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Roderick Agius detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 146871M sabiex jingurja, idejjaq, jew jaghmel hsara lill-istess persuna;

6. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu u garr barra xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar u munizzjon minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija taht l-Att dwar l-Armi (Kapitolu 480);

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi garr arma tan-nar, cioe' senter ikkargat u barra mill-atta tieghu f'inqas minn mitejn (200) metru 'l boghod minn post abitat;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi kellu arma tan-nar b'munizzjon b'aktar milli tati l-Ligi;

9. U kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel reat kellu fil-pussess tieghu arma regolari, cioe' senter.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 249(2), 251(1), 340(d), u 339(b) u (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Avviz Legali 79/2006.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Kevin Mifsud hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1), ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Din il-Qorti tordna wkoll hrug ta' garanzija favur il-parte civile indikat fl-akkuza, u cioe' Roderick Agius detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 146871M ghal zmien sena (1) taht penali ta' Lm100.00, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Barra minn hekk il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-arma esebita mill-Prosekuzzjoni fl-atti ta' din il-kawza.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------